**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 17 ta' Lulju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Keith Cremona**
**ID: 530687(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Keith Cremona, 29 sena, bin Francis u Therese nee` Attard, imwieled Pieta` nhar it-23 ta' Novembru 1987, minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita` numru 530687(M);

Akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta' Mejju 2017, u/jew matul il-gimgha/xhur ta' qabel kif ukoll wara din id-data, cioe` sal-gurnata tal-lum, f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bahal Qorti Istruttorja (Magistat Dr Josette Demicoli LL.D.), bis-sahha ta' digriet datat 8 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu l-istess imputat kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom "*1. Li tidher ghal kull att tal-process fid-data, lok u hin li jigu lilha ordnati minn din il-Qorti jew minn Qorti ohra; 5. Li tirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn toqghod kuljum bejn is-7am u t-8pm, b'dan illi jekk ma*

*tkunx tista' tirrapporta kif inghad, ghandha tibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih qed tigi obbligata li tirrapporta; 6. Li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod, cioe` nru 171, Flat 2, Triq San Duminku, Valletta, mhux izjed tard mid-9.30 ta' filghaxija u ma tohrogx minn hemm qabel il-5.30 tal-ghada filghodu; 7. Jekk tbiddel l-indiirzz tad-dar, tinforma lill-pulizija b'dan it-tibdil fi zmien tnax-il siegha minn tali bdil"*;

2. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 8 ta' Marzu 2017 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Keith Cremona. Kif ukoll, li tordna li hames t'elef Ewro (€5,000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest bl-istess digriet, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulati fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat min-naha l-wahda, u min-naha l-ohra n-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu li hija wahda pjuttost refrattarja u li din m'hijiex l-ewwel darba li l-imputat instab hati ta' akkuzi simili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva.

In oltre ai termini tal-Artikoli 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tirrevoka *contrario imperio* id-digriet li permezz tieghu l-hati nghata l-helsien mill-arrest minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr Josette Demicoli, nhar it-8 ta' Marzu 2017 u tordna l-arrest mill-gdid tal-hati. In oltre tordna l-konfiska tas-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000), rapprezentanti l-garanzija personali imposta fuq il-hati permezz tal-imsemmi digriet, favur il-Gvern ta' Malta.

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-habs illi l-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja kontra l-vizzju tad-droga.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat